**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 25 ta' Gunju 2020.**

**Rikors nru: 13/2015 AGV**

**AB f' isimha propju u f' isem bintha minuri CD li twieldet fil-21 ta' Marzu 2000.**
**Vs**
**ED**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors guramentat ta' AB datat 19 ta' Jannar, 2015, fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat:-**

1. Illi il-parijiet twelditilhom minuri bl-isem ta' CD, nhar il- 21 ta' Marzu, 2000 u dan kif jirrizulta minn dokument A;

2. Illi permezz tad-digriet datat 12 ta' Marzu 2002 moghti minn Qorti Civili Sekond' Awla, ordnat illi l-konvenut ihallas lil attrici manteniment fis-somma ta' LM 12 jew 27.95 Euro fil-gimgha, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa mmarkat Dok B;

3. Illi apparti mill-fatt illi l-konvenut qatt ma vversa manteniment hemm stipulat hlief ghal tlett xhur, l-ammont ta' 27.95 Euro ma kienx adegwat;

4. Illi l-konvenut qatt ma mantna lill-minuri mix-xahar ta' Gunju, 2002 sax-xahar ta' Gunju, 2014 u cioe' ghal tnax-il sena shah minkejja li kien jahdem. Wara dan il-perjodu, l-ewwel pagament ta' 200 Eur inghata fid-9 ta' Gunju 2014;

5. Illi l-konvenut huwa obbligat li mhux biss imantni lill-imsemmija bintu izda jhallas kull manteniment minnu dovut mhux biss ghall-futur izda mid-data tat-twelid tat-tarbija minuri u dan in linea mal-principju stabbilit fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal- 20 ta' Dicembru 1946, fl-ismijiet Filippu Grech vs Antonia Magri.

6. Illi permezz ta' rikors datat 12 ta' Marzu 2014, l-attrici talbet lil dina Onorabbli Qorti tirrevedi l-manteniment stipulat fid-digriet tat-12 ta' Marzu 2002;

7. Illi permezz ta' risposta datat 19 ta' Mejju 2014, il-konvenut issottometta illi kellu jigi mehlus minn kull obbligu li jikkontribwixxi fi flus ghall-manteniment tal-minuri CD;

8. Illi din il-Qorti laqghet it-talba permezz ta' digriet moghti fl-20 ta' Mejju 2014, ordnat li l-konvenut ihallas somma ta' 200 Euro fix-xahar bhala manteniment tal-minuri, oltre' nofs l-ispejjez ghas-sahha u edukazzjoni. Kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. C;

**9.** Illi li kieku ma kienx ghal dan id-digriet, kieku l-konvenut ghadu sal-lum jirrifjuta li jhallas ghall-manteniment tal-istess bintu;

**10.** Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet, ma waslitx ghal ftehim bonarju, u ghalhekk ir-rikorrenti kienet awtorizzata sabiex tipprocedi b' kawza u dan kif ser jirrizulta mil-istess digriet immarkat bhala Dok. D;

Ighid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex ghal ragunijiet hawn fuq imsemmija:-

a. Tikkundannah ihallas lill-attrici dik is-somma likwidata in linea ta' manteniment ghat-tifla CD okkorrendo b' opera ta' Periti nominandi u liema somma ghandha tirrifletti dak li kien ikollu jhallas il-konvenut mil-lum sad-data tat-twelid tal-minuri, sad-data tas-sentenza effettiva u ohra mensili in linea ta' manteniment futur ghall-imsemmija CD , bl-imghaxijiet legali skont il-Ligi.

   Bl-ispejjez inkluz spejjez tal-procedura tal-medjazzjoni u bil-konvenut minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta guramentata ta' ED datata 30 ta' Gunju, 2015, fejn espona bir-rispett u kkonferma li jaf personalment:-

1. Preliminarjament, il-preskrizzjoni estensiva skont l-art 2156 (f) tal-Kodici Civili in kwantu l-attrici qed titlob rifuzjoni tal-ispejjez li setghet inkorriet ghal ghixien tal-minuri CD qabel l-ahhar hames snin.

2. Fil-mertu, in kwantu t-talba attrici hija bbazata fuq id-digriet moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Marzu 2002, l-istess talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda billi l-attrici naqqset li tipprezenta l-procedura appozita fit-termini stipulati fil-ligi u ghalhekk id-digriet imsemmi ma baqax fis-sehh.

3. F' kull kaz, l-eccipjent ma ghandux l-mezzi finanzjarji sufficjenti biex jipprovdi ghal-manteniment ta' bintu C hlief billi jilqaghha f' daru.

   L-eccipjent u l-attrici kienu mizzewwgin pero' z-zwieg taghhom gie annullat b' sentenza tal-Qorti Civili ( Sezzjoni tal-Familja) tat-30 ta' Marzu, 2004. L-eccipjent, kellu kwistjonijiet kbar mal-attrici u qatt ma seta' jiftiehem xejn maghha. L-attrici kienet waqqfitu milli jkompli jara lil bintu, li issa ilu ma jkollu komunikazzjoni jew kuntatt maghha ghal aktar minn ghaxar snin. L-eccipjent talab diversi drabi lill-attrici sabiex taghtih access, pero' din dejjem irrifjutat, liema talba huwa qieghed issa jiddeduciha gudizzjarjament in linea ta' rikonvenzjoni.

4. F' kull kaz u minghajr pregudizzju, l-eccipjent ma ghandux ihallas flus ghall-manteniment tal-imsemmija minuri, tenut kont tal-mezzi u l-ispejjez li ghandu, izda ghandu jmantniha billi jilqaghha f' daru, liema talba qed tigi ukoll dedotta gudizzjarjament in linea ta' rikonvenjoni.

   Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Il-konvenut ipprezenta kontro-talba fejn ippremetta s-segwenti:-

1. Illi l-esponent u l-attrici rikonvenzjonata kienu zzewwgu civilment fit-12 ta' Marzu, 1999 u z-zwieg taghhom gie annullat b'sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat- 30 ta' Marzu, 2004 li ghaddiet in gudikat.

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla wahda, CD, fil-21 ta' Marzu, 2000 u llum ghandha 15-il sena.

3. Illi, immedjatament, wara l-firda tal-partiijiet, l-attrici rikonvenzjonata qalghet diversi problemi lill-esponent u ghamlitiehlu impossibbli li jara u jiehu lit-tifla, b'mod li l-esponent ilu issa ma jara lil bintu ghal ghaxar snin shah.

4. Illi minkejja d-diversi talbiet tal-esponent lill-attrici rikonvenzjonata tul is-snin biex jara lil bintu u biex ilaqqaghha maz-zewg uliedu l-ohra miz-zwieg sussegwenti tieghu, din baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din ir-rikonvenzjoni.

5. Illi l-attrici rikonvenzjonata ghamlet dikjarazzjoni foloz dwar il-mezzi taghha u l-ispejjes inkorsi minnha ghall-bzonnijiet ta' CD bil-ghan li tkun tista' tiehu manteniment gholi minghand l-esponent, minkejja li taf li m'ghandux mezzi finanzjarji biex imantniha hlief billi jilqaghha f'daru.

6. Illi konsegwentement, l-esponent spicca hallas indebitament ammonti ingenti lill-attrici rikonvenzjonata, liema ammonti ghandhom jigu rifuzi minnha fit-termini tal-ligi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u dawk kollha li jirrizultaw fil-kors tas-smigh ta' din il-kawza, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

(i) Tikkonferma li l-esponent ghandu l-kura u kustodja tal-minuri CD konguntivament mal-attrici rikonvenzjonata;

(ii) Tikkundanna lill-attrici rikonvenzjonata taghti access lill-esponent ghall-minuri CD f'dawk il-granet u hinijiet li din il-Qorti jidhrilha xierqa;

(iii) Tiddikjara u tiddeciedi li l-esponent m'ghandux mezzi biex ihallas somma ta' flus ghall-manteniment tal-imsemmija bintu CD u ghalhekk ghandu jedd imantniha billi jilqaghha f'daru u jmantniha wahdu f'dawk il-granet u hinjiet hekk stabbiliti.

Bl-ispejjes kontra l-attrici rikonvenzjonata li tibqa' ingunta minn issa in subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**FATTI**

1. L-attrici ghandha tifla C minghand il-konvenut, li twieldet fil-21 ta' Marzu, 2000. Il-partijiet kienu ottjenew l-annullament iz-zwieg taghhom fit-30 ta' Marzu, 2004 u l-attrici kienet telqet mid-dar meta t-tifla kellha tnax-il xahar. Illum, ghalhekk, it-tifla hija maggorenni.

Fit-3 ta' Mejju, 2001 kien inghata digriet fejn E kien gie ordnat sabiex ihallas is-somma ta' Lm40 fix-xahar ekwivalenti ghal €93.18 ghall-minuri C. Tghid li l-konvenut qatt ma hallas skond dan id-digriet.

Skond digriet numru 414/2002 moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Marzu, 2002, il-konvenut kien gie ordnat ihallas Lm12 ekwivalenti ghal €27.95 fil-gimgha bhala manteniment ghal bintu, li f'xahar jammontaw ghal €121.12. Dan il-manteniment dam jithallas ghal tlett xhur biss mill-konvenut.[1]

Illi qabel id-digriet datat 12 ta' Marzu, 2002, inghata digriet numru 831/2001 mill-istess Sekond'Awla tal-Qorti Civili, fejn il-Qorti kienet irrevokat l-effetti tad-digriet precedenti taghha numru 608/2001 u dan peress li l-konvenut kien qal li kien safa qieghed.[2]

L-attrici tinnega l-allegazzjoni tal-konvenut li ma jahdimx u dan peress li kien anke hadem mal-MFS films u kien tah l-impjieg kuginuha stess. Dak iz-zmien kienu ghadhom kemm isseparaw u kien jaqla' cirka Lm100 fil-gimgha.

Da parti taghha, l-attrici tispjega li peress li b'kollox ghandha erbat itfal qatt ma hadmet u dejjem kienet tghix mill-beneficcji socjali. Kienet ix-xewqa taghha li trabbi lil uliedha u lanqas m'ghandha ghajnuna mill-membri tal-familja taghha u dan ghax ommha hija anzjana u ddur biha. Il-qliegh taghha huwa ta' cirka €400 fix-xahar mill-beneficcji socjali.

Izid tghid li minn Gunju, 2002 sa Gunju, 2014, il-konvenut qatt ma hallas manteniment u dan sal-20 ta' Mejju, 2014, il-konvenut qatt ma hallas manteniment u mbaghad f'din id-data kien inhareg digriet fejn gie ordnat ihallas is-somma ta' €200 fix-xahar bhala manteniment tat-tifla u kellu

[1] Ara Dok, A
[2] Ara Dok. B u C

jhallas ghan-nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.[3] Minn dakinhar tikkonferma li l-konvenut dejjem hallas il-manteniment u rigward l-ispejjes edukattivi u tas-sahha, tammetti li ma kinitx tibghatlu l-ircevuti. Kull sena tikkalkola li tonfoq madwar €600 spejjes ta' sahha u edukazzjoni u fuq perjodu ta' ghaxar snin dawn jammontaw ghal €6,000 u sehem il-konvenut huwa ta' €3,000. Ipprezentat prospett ta' kemm ghandha tithallas manteniment li qatt ma hallas il-konvenut, flimkien ma' sehemhu tal-ispejjes edukattivi u tas-sahha.[4]

In kontro-ezami, l-attrici tispjega li kienet ghamlet diversi medjazzjonijiet sabiex titlob manteniment, izda qatt ma mexxiet b'kawzi u ma kellhiex ghazla ghax mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali kienu jitolbuha informazzjoni dwar proceduri, bl-intendiment li jkollhom iwaqqfulha l-manteniment.

Minkejja dan l-attrici tispjega li l-konvenut qatt ma rah lil bintu, qatt ma harigha u lanqas qatt ma taha r-rigali ghall-gheluq sninha jew ghall-Milied. L-access kien qed isir l-ghassa, izda l-attrici in kontro-ezami tghid li kienet nizlet erba' darbiet u l-konvenut qatt ma gie u ddecidiet li ma tmurx iktar. Izid tghid li kien hemm mara anzjana li nfurmatha li l-konvenut kien izzewweg. Binthom C, kienet ikkuntatjatu darba ghal Father's Day u minn dakinhar lanqas kien kellimha. In kontro-ezami, tghid li ma kinitx kuntenta li taghti lill-konvenut, lit-tifla ghax kienet tirresisti biex tmur u tiggieled maghha jekk kienet tipprova tibghatha.

Illum it-tifla spiccat mill-iskola u tahdem ma' Bags World Rahal Gdid full-time. Il-konvenut illum mizzewweg u ghandu zewgt itfal.

[3] Ara Dok. D
[4] Ara prospett a fol. 663 tal-process.

L-attrici tiddikjara li qiedgha titlob manteniment ghall-perjodu kollu li l-konvenut naqas li jhallas manteniment.

In kontro-ezami, l-attrici spjegat li ghall-habta tal-Milied tas-sena 2016, hi u bintha kienu ggieldu u kienet marret tghix ghand l-gharus taghha ghal xahar.

L-attrici ma setghetx tikkonferma li bintha u l-konvenuta kienu f'relazzjoni tajba sa mill-Milied 2016, izda tghid meta kellhom x'jghidu hasset li forsi kienet naqsitha f'xi haga u bghatitha tirranga ma' missierha.

2. Il-konvenut jikkonferma li kien iltaqa' mal-attrici l-Kalkara u kienet ghadha l-iskola. Kienu damu jiffrekwentaw lil xulxin ghal sentejn shah, meta l-attrici kienet inqabdet tqila. Missier l-attrici riedhom jizzewwgu, izda l-Kappillan tal-Kalkara rrifjuta li jhallihom jizzewwgu fil-Knisja u ghalhekk minflok izzewwgu civilment fit-12 ta' Marzu, 1999, anke jekk l-attrici nel frattemp kienet korriet it-tarbija.

Peress li ma kellhomx flus, ommu kienet offrietilhom li jghixu fis-sular ta' fuq tal-proprjeta' taghhom. Pero' wara z-zwieg, l-attrici kienet taqla' hafna glied u tiggieled m'ommu ukoll. Wara li twieldet it-tarbija, l-attrici kienet titlaq 'l barra u hadd minnhom ma kien jaf fejn kienet marret. Kien joqghod kwiet peress li l-attrici kienet theddu li kienet ser titlaq bit-tifla b'kollox ghal ghand missierha.

Kien hemm okkazzjoni meta telqet u marret ghand missierha u kien inqala' dizgwid kbir u ommu spiccat kecciethom mid-dar taghha. Kienu ghamlu zmien ighixu ma' missier l-attrici u mbaghad irritornaw lura ghand ommu.

L-attrici kienet prattikament telqet mill-ewwel u kellhom jispiccaw il-Qorti.

Spiccaw li regghu rrikonciljaw ghal ftit. L-attrici qatt ma hadmet u peress li hu ma kellux skola qatt ma sab impjieg li jrendi. Jispjega li ghamel hafna sagrificcji biex jixtri l-post taz-zijuh  u dahlu jghixu fih f'Dicembru, 1999 meta lanqas kienu ghadhom ghamlu kuntratt.

Lanqas kienu ilhom ighixu ghal hafna zmien, meta l-attrici regghet bdiet bl-istejjer, Ma kinitx trid lill-genituri tieghu imorru jaraw lin-neputijiet u kienet taqla' l-kwistjonijiet. F'hin minnhom, l-attrici telqet bit-tifla u marret Dar Merba Bik. Mill-ghassa tal-pulizija kienu talbuh ifittex avukat. Mill-Qorti kienu ordnawlu l-access ghal bintu.

Il-konvenut esebixxa l-payslips tal-impjiegi li kellu ma' Dormax Press Company Limited, Latina Pictures Ltd u Mediterranean Film Studios Limited.[5] Dwar l-introjtu tieghu meta kien jahdem mas-socjetajiet Paam Ltd, Melita Optika Limited u Denim Services Ltd. ighid li m'ghandux dokumentazzjoni u ma jistax jiftakar. Illum jahdem bhala correctional officer il-habs u l-paga tieghu hija cirka ta' €1000/1050 fix-xahar. Ma kienx jaf jekk dan kienx gross jew net peress li kien jahdem overtime ukoll. Bhala beneficcji jircievi biss ic-childrens allowance.

Jikkonferma li kien ihallas il-manteniment puntwalment. Dwar l-access ighid li meta kienu jiltaqghu l-ghassa, l-attrici kontinwament kienet taqla' l-kwistjonjiiet. Ighid li kienu baqghu sejrin hekk sakemm it-tifla kellha hames snin. Sa dan iz-zmien kien ghajja u kien jinkwieta minhabba l-glied

[5] Ara Doks, AM 1 – AM3

li kien jigri quddiem il-minuri u ddecieda li jhalli lit-tifla bil-kwiet. Minn dak iz-zmien l-attrici waqfet tippretendi l-manteniment u minhabba l-parir li kien ha, kien fehem li d-digriet ta' manteniment kien waqa'.

Minn dan iz-zmien ghamel ghaxar snin ma jara lil C u kull darba li l-attrici kienet tibda l-proceduri ghall-manteniment, kien jinsisti li jrid jara lil bintu u kienu jispiccaw jitlewmu l-Qorti.

Jispjega li martu FD kellha l-post taghha f'Marsaskala u peress li kellhom zewgt itfal il-post kien sar zghir wisq, kienu ddecidew li ibieghu l-post u fl-2018 inbieghu xtraw appartament iz-Zejtun u jhallsu €500 repayments fuq is-self.[6]

Illum jikkonferma li bintu tahdem u ghandha 'l fuq minn 18-il sena. Minn mindu tahdem u m'ghadhiex tghix m'ommha jghid li ghandu relazzjoni tajba maghha. Kienet fixxitu bil-mohbi t'ommha u jghid li bintu ghadha tibza' minn ommha sallum.

Il-konvenut jikkonferma li peress li ma tghallimx skola, qatt ma kellu mpjiegi tajbin u kien ghamel zmien ukoll minghajr xoghol. Martu F kienet tahdem part-time ukoll, minkejja li ghandhom zewgt itfal zghar u dan biex ilahhqu bl-ispejjes. Ighid li kien hemm zmien fejn kellhom jitlobu l-ghajnuna tal-genituri tieghu peress li ma kinux qed ilahhqu mal-ispejjes.

3. FD, mart il-konvenut, kienet taf il-partijiet peress li kienet tahdem maghhom il-Melita Optica. L-attrici kienet ghamlet perjodu qasir tahdem

---

[6] Ara Doks. AM 1 u AM2

hemm. Wara li kienu sseparaw kienet iltaqghet mal-konvenut Paceville u kienu bdew relazzjoni minn hemm.

Tispjega li qatt ma kellha problema mat-tifla tal-konvenut C u kienu jmorru tajjeb flimkien. Tghid li l-konvenut kien ikollu problemi biex jigbor u jiehu lit-tifla mieghu. Isemmi incident fejn kienet insertat qiedgha hdejn l-ATM f'Bormla, vicin l-ghassa minn fejn il-konvenut kellu jigbor lit-tifla u l-attrici kienet marret tahbat ghaliha. Spiccaw l-ghassa u kienet anke ghamlitilha rapport.

Tistqarr li qatt ma cahdet lill-konvenut milli jara lil bintu. Izda l-attrici kienet taghmillu hajtu difficli u ma baqghetx tnizzel it-tifla l-ghassa u kienet dejjem tivvinta l-iskuzi. Tghid li l-konvenut kien ghejja bil-glied u kwistjonijiet kontinwi u kien ghalhekk li kien iddecieda li jhalli lit-tifla tghix m'ommha bil-kwiet. Ma semghu xejn minghandha sakemm wara li nfethet dina l-kawza, bint il-partijiet ghamlet kuntatt ma' missierha. Il-konvenut kien beda jircievi telefonati minn numru li m'gharrafx u dan kien l-gharus ta' C li qallu li bintu riedet tiltaqa' mieghu. Fil-fatt kienu ltaqghu hdejn il-bandli tal-Kalkara. Minn dakinhar ir-relazzjoni kienet tajba u ghadhom in kuntatt.

Mart il-konvenut kompliet ittenni li l-konvenut m'ghandux skola u ghamel hafna zmien minghajr xoghol. Kienu jghixu principalment mill-introjtu taghha u anke l-post kienet xtratu hi u ghadha thallas il-loan fuqu. Tghid ukoll li hafna drabi biex ilahhqu mal-ispejjes ikollha tissellef il-flus minghand tal-familja. Izid tghid li l-konvenut kien ghamel zmien jahdem mal-films u kien idum sakemm kien idum il-films. Zgur li tiftakar li kien hemm zewg films.

Dwar il-hlas tal-manteniment ghal bint il-partijiet, ix-xhud tikkonferma li dejjem ghamlu l-almu taghhom biex ihallsuh u dejjem kienu pronti jhallsu sakemm it-tifla bdiet tahdem, minkejja li skond kif qalet it-tifla stess, l-attrici ma kienet itiha xejn minn dawn il-flus. Kienu l-ewwel ihallsu l-€200 dovuti u li jifdal kienu jghixu bihom. Meta kienet izghar kien ihallas xi Lm15 fil-gimgha. Apparti dawn il-flus, il-konvenut ma kienx ihallas spejjes ohra, lanqas dawk edukattivi u tas-sahha. Dak iz-zmien kienu jhallsu loan ta' €355 fix-xahar.

4. GD, omm il-konvenut tispjega li meta l-partijiet kienu ltaqghu kienu ghadhom zghar, tant li l-attrici kienet ghadha tmur l-iskola. Kienu ghadhom mohh ir-rih u wara sentejn johorgu flimkien l-attrici kienet harget tqila. Missierha kien beda jinsisti li ghandhom jizzewwgu, minkejja li huma ma kinux jaqblu. Il-Kappillan tal-Kalkara rrifjuta li jizzewwighom fil-Knisja peress li kienu ghadhom zghar hafna u kien ghalhekk li spiccaw izzewwgu bic-civil u ftit wara tilfu lit-tarbija. Ma kellhomx flus biex jixtru post u kienu offrewlhom is-sular ta' fuq tal-post fejn kienu jghixu maghhom u hemm beda l-inkwiet ghax skond omm il-konvenut, l-attrici kienet bdiet tghawwih kontriha u kienu jargumentaw hafna.

Wara ftit li zzewwgu l-attrici kienet harget tqila ghal darb'ohra u kienu kuntenti. Meta C kellha tlett xhur, kienu ggieldu u l-attrici kienet telqet mid-dar taghhom u halliet it-tarbija maghhom. Kienu spiccaw il-Qorti li kienet fdat lill-attrici bit-tarbija. Ftit wara rrangaw u regghu marru joqoghdu maghha. Imbaghad kienu xtraw il-post ta' huha u omm il-konvenut tghid li kienet telqet mill-impjieg taghha ma' Melita Optika biex taghtih lill-attrici biex izommilha lit-tifla. Ftit wara li kienu dahlu fil-post, l-attrici telqet lill-konvenut bit-tarbija u kienet marret id-Dar tal-Bon Pastur. Kienu jmorru jaraw it-tifla hemmhekk u wara li telghu l-Qorti, il-

konvenut beda jmur jigbor lill-minuri t-Tnejn, l-erbgha u l-Gimgha ghal siegha u tlett sieghat il-Hadd, mill-Ghassa ta' Bormla. Dak iz-zmien kellha xi hames snin. Izda meta kien jasal il-hin tal-access, l-attrici kienet tibda b'hafna tghajjir u tuza' kliem oxxen anke quddiem it-tifla stess.

Tispjega li meta l-konvenut dahal f'relazzjoni u zzewweg, l-attrici waqqfet igiblu lit-tifla u ddecieda li jhalliha bil-kwiet, anke jekk xtaqha tkun prezenti ghat-tieg. Minn dakinhar tghid li ma kellmithix iktar u damet xi ghaxar snin. Illum it-tifla kibret tkellimha u anke tghinha tixtri l-hwejjeg peress li tahdem fil-hanut Centro Moda, il-Fgura. Ilha zmien ma tghix m'ommha. Kellha xi sbatax-il sena meta bdiet tkellem lil missierha.

Tichad li l-attrici qatt talbet manteniment minghand il-konvenut biex ma jkollix turiehlu u dan setghet tikkonfermah peress li l-konvenut kien ighix maghha u kien ighidilha. Tikkonferma li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-konvenut qatt ma kienet tajba u gieli ghenuh, specjalment biex ihallas il-kontijiet tad-dawl u ilma. Kien ghamel xi zmien hadem mal-'films', izda dan kien ghal ftit gimghat. Kien itiha flus ftit qabel il-precett u kkonfermat li dawn kienu jammontaw ghal €200 fix-xahar.

5. Karen Cremona in rapprezentanza ta' Transport Malta kkonfermat li f'isem il-konvenut hemm vettura wahda rregistrata Hyundai Excel bin-numru ta' registrazzjoni ABP – 742 u fil-passat kellu zewg vetturi ohra Ford Cortina bin-numru ta' registrazzjoni CAI – 897 u Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni BBR – 401.[7]

[7] Dok. TM1 u TM2

6. Joanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet irrizultalha kont wiehed f'isem il-konvenut u wiehed "joint." Il-kont personali ghadu miftuh.[8] Il-kont l-iehor huwa "joint" ma' AB u nghalaq fis-26 ta' Jannar, 2001.[9]

7. Audrey Ghigo, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. ikkonfermat li kien hemm diversi kontijiet bankarji f'isem il-konvenut:-

i) Current account 013261698001;[10]
ii) Current account 033205949001; (maghluq)[11]
iii) Savings account 040105033050;(maghluq)[12]
iv) Savings account 404262521;(maghluq)[13]
v) Credit card 456882204331035;[14]

Bhala kontijiiet joint hemm diversi:-

(i) wiehed ta' loan 013183496300 ma' FD u dan inghalaq;[15]
(ii) loan account 013183496301 (maghluq);[16]
(iii) savings account 013183496050 (maghluq);[17]
(iv) savings account 049008931050 (maghluq);[18]
(v) current account 0133183496001 (maghluq);[19]

---

[8] Ara Dok.BOV 1
[9] Ara Dok. BOV 2
[10] Ara Dok. HSBC 1
[11] Ara Dok. HSBC 2
[12] Ara Dok. HSBC 3
[13] Ara Dok. HSBC 4
[14] Ara Dok. HSBC 5
[15] Ara Dok. HSBC 6
[16] Ara Dok. HSBC 7
[17] Ara Dok. HSBC 8
[18] Ara Dok. HSBC 10
[19] Ara Dok. HSBC 11

(vi) loan account 10851322;[20]

(vii) loan account 14159543.[21]

8. John Micallef, in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, xehed u pprezenta l-prospetti tat-taxxa ghas-sena bazi minn 1999 sas-sena 2003.[22]

Joseph Debono, ipprezentat il-prospetti tat-taxxa ghas-sena bazi 2000 sa 2004 fl-isem il-partijiet.[23]

Kien hemm ipprezentati ukoll il-prospetti tat-taxxa li ghandu l-konvenut, flimkien ma' martu FD, wara li tat l-awtorizzazzjoni taghha.[24]

Esebixxa ukoll id-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tal-attrici wahedha. Ghas-snin bazi 2011 sa 2016 ma kienx hemm dikjarazzjonijiet[25] u ghalhekk hemm *default* u probabilment sehh l-istess ghas-sena 2017. Jippreciza li ghas-snin 2011 sa 2016, l-attrici qed titqies li hija in *default*, peress li kien hemm xi dhul bhal imghax il-bank jew xi trading income.

9. Joseph Saliba, in rapprezentanza ta' JobsPlus ikkonferma li l-konvenut jahdem ma' Correctional Services Rahal Gdid u ghandu impjieg iehor mal-Industrial Chemical Cosmetics Sliema u kien beda fl-10 ta' April 2006. Jekk m'ghadux jahdem hemmhekk ighid li ma rcevewx ittra ta' terminazzjoni minghand l-employer. Hemm indikat il-kliem "provisional

---

[20] Ara Dok. HSBC 12
[21] Ara Dok. HSBC 13

[22] Ara Dok. JM 1 u JM8
[23] Ara Doks. JD1 – JD 5
[24] Ara Dok. JD 6 – JD 21 u Dok. DJY
[25] Ara Doks. JD 22 – JD 27

Termination" peress li l-ghada stess il-konvenut ikun beda x'imkien iehor full-time.[26]

Diane Desira, dejjem in rapprezentanza ta' Jobsplus ikkonfermat li l-attrici qatt ma rregistrat ghax-xoghol u qatt m'attendiet korsijiet sabiex itejjeb il-hiliet taghha.[27]

10. George Martin, in rapprezentanza ta' Ultralux Furniture Limited ikkonferma li l-konvenut kien jahdem maghhom bhala *labourer* (mhux skilled) bejn 2008 u 2012. L-impjieg tieghu kien gie tterminat peress li ma kienx hemm iktar bzonn tas-servizzi tieghu.[28] Kien jahdem a bazi full-time u esebixxa l-FS 3's tieghu.[29] Ighid li kien jircievi paga minima peress li ma kienx "skilled."

11. Doreen Bonnici, in rapprezentanza ta' Drop Chemicals Limited, tikkonferma li l-konvenut kien jahdem maghhom bejn l-2015 u 2016 bhala delivery man full-time. Esebiet l-income statements tieghu[30], kif ukoll it-terminazzjoni tal-impjieg li kienet minhabba li rrizenja wara li sab xoghol iehor.[31] Sa fejn ftakkret ma kienx jircievi paga minima.

12. Franklin Abela, HR Manager ma' James Caterers jispjega li l-konvenut kien beda jahdem maghhom mit-23 ta' April 2012 u kien baqa' sat-28 ta' Frar, 2015. Ighid li ghall-bidu kien jahdem part-time u fl-2014 kien qabad full-time, pero' kien jaghmel part-time iehor ma' James Caterers stess.

---

[26] Ara Dok. JS 1

27 Ara GM1 sa GM5

[2]8Ara Dok. DD1 u DD 2
[2]9 Ara Dok. GM 6

[30] Ara Dok. DB 2 u DB 3
[31] Ara Dok. DB 1

Meta kien jahdem part-time kellu paga ta' €8225.20[32] u total ta' €30,856.10 meta kien beda jahdem full-time.[33] Dawn it-totali huma gross.

13. Dr. Sonia Consiglio, in rapprezentanza tar-Resistru Pubbliku (Searches Unit) esebit diversi transfers u liabilities tal-konvenut mill-1 ta' Jannar, 1999 sas-27 ta' Jannar, 2018. [34]

14. Rita Galea, in rapprezentanza ta' Latina Pictures Limited, xehdet li ma setghetx tikkonferma jekk il-konvenut kienx jahdem maghhom peress li r-*retention period* tar-records taghhom kienu jmorru lura sa ghaxar snin u ghalhekk ma kellhomx tas-sena 2003. Pero' kkonfermat li fis-sena 2003, il-pagi tal-impjegati kienu jinhadmu mill-Mediterranean Film Studios li kienu *sub-contracted* biex jahdmuhom.

15. Dr. Quentin Tanti, in rapprezentanza tar-Registratur tal-Kumpaniji fi hdan il-Malta Financial Services Authority, xehed dwar ir-registered address ta' Melita Optica Ltd, Denim Services Ltd. u Mediterranean Film Studios Limited u jekk jimpjegaw in-nies maghhom.

    Dwar Melita Optica Ltd. ighid li din giet *struck off* fit-23 ta' Lulju, 2007 u r-registered address kien B27, Bulebel Industrial Estate, Zejtun;

    Dwar Denim Services Ltd. ighid li din il-kumpanija tinstab fir-registru u bhalissa tinstab minghajr diretturi, Ighid li l-ahhar dokument li ntbaghat kien fis-17 ta' April 2013. Ir-registered address kien B45, Bulebel Industrial Estate, Zejtun.

[32] Ara Dok. FA1
[33] Ara Dok. FA 2
[34] Ara Dok. SC1

Paam Ltd ghadha fuq ir-registru u ukoll ilha ma tibghat dokumenti sa mis-17 ta' April, 2013. Tinstab minghajr diretturi ukoll u ghandha l-istess registered address bhas-socjeta' Denim Services Limited.

Il-kumpanija Mediterranean Film Studios Ltd giet *struck off* fid-19 ta' Settembru, 1975.

Ighid li ma jkollhomx informazzjoni dwar impjiegi mal-istess socjetatjiet.

16. Mario Delicata, in rapprezentanza ta' Emanuel Delicata Winemakers Ltd. ikkonferma li bejn it-18 ta' Frar, 2008 sal-25 ta' Marzu, 2008, il-konvenut kien jahdem maghhom bhala deliveryman full-time. Kien jaqla' paga ta' €836.[35]

17. Claudette Fenech, in rapprezentanza tar-Registratur tal-Kumpaniji fi hdan l-MFSA kkonfermat li s-socjeta' Bezzina Trading Yard Ltd, b'numru ta' registrazzjoni C 10449 – kienet registrata fil-21 ta' Marzu, 1989 u ghadha rregistrata sa llum. Hija dejjem baghtet l-ahhar annual returns u accounts u m'hemmx multi pendenti. Ir-registered address huwa ta' Racecourse Street, Marsa.

Rigward is-socjeta' BTY Scaffolding Limited, tghid li din ma tezistix u rigward is-socjeta' Industrial Chemical Cosmetics Ltd. numru C 27402, din kienet registrata fil-15 ta' Dicembru, 2000, izda kienet giet ikkancellata fl-10 ta' Gunju, 2010 u dan wara li giet diviza f'zewg kumpaniji Industrial Chemical Cosmetics Ltd. C 49881 u Industrial Chemical Cosmetics International Ltd. C 49879. Qabel ma sar il-kancellament, ir-registered office kien Suite, 1, level 2 TG, Complex Brewery, Mriehel.

---

[3535] Ara FS3 esebit bhala Dok. MD 1

18. Michael Micallef, in rapprezentanza ta' Dormax Press Co.Ltd, ikkonferma li l-konvenut qatt ma kellu impjieg mas-socjeta' imsemmija.

19. Saviour Theuma, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali pprezenta informazzjoni dwar l-ghajnuna socjali li tircievi l-attrici.[36] Jipsjega li l-attrici kienet tircievi childrens allowance ghat-tifla C mill-25 ta' Marzu, 2000 sal-25 ta' Marzu, 2016 meta ghalqet 16-il sena. Bejn il-perjodu 25 ta' Marzu, 2000 sal-4 ta' Jannar, 2008 kienet tircievi r-rata ta' €20.15 fil-gimgha, mentri mill-5 ta' Jannar, 2008 sal-25 ta' Marzu, 2016 zdiedet ghal €22.23 fil-gimgha.[37]

Kienet tircievi l-ghajnuna socjali bejn l-24 ta' Frar, 2001 sad-19 ta' Ottubru, 2018[38] fl-ammont ta' €18.15 fil-gimgha.

Jispjega li mbaghad meta bint il-partijiet C ma baqghetx tghix maghha, l-attrici kienet infurmathom li kienet telqet mid-dar. Minhabba f'hekk ikun hemm tnaqqis fil-beneficcji komplessivi li qed tircievi l-attrici li baqghet tiehdu sa Ottubru, 2018. Meta l-minuri bdiet tahdem, kien fl-obbligu tal-attrici li tinfurmahom, ghax hija obbligata li tinfurmahom bi kwalsiasi tibdil li jkun hemm anke jekk ma jkunx hemm tibdil fir-rata li qed tircievi.

Dwar beneficcji ghat-tifla, l-attrici tibqa' tircevihom, diment li l-minuri ma tkun ghadha tghix id-dar.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

---

[36] Ara Doks TS1 – TS 3
[37] Ara Dok. ST 1
[38] Ara Dok. ST 2

**<u>MANTENIMENT FUTUR</u>**

Gie stabbilit li llum it-tifla C ghandha ‘l fuq minn tmintax-il sena u tahdem *full-time* u ghaldaqstant, dina l-Qorti mhix ser tiehu in konsiderazzjoni ebda kwistjoni dwar manteniment futur.

**<u>ECCEZZJONI TAL-PRESKRIZZJONI AI TERMINI TAL-ARTIKOLU 2156 (f)</u>**

Il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni ta’ hames snin peress li l-attrici qed titlob kreditu ta’ manteniment dovut. L-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 jikkontempla s-segwenti:-

***“l-azzjonijiet ghall-hlas ta’ kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa’, skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.”***

L-attrici tmur oltre u tilqa' ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni taht id-disposizzjoni tal-ligi Artikolu 2156(f), billi tinsisti li l-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2156 (f) mhix applikabbli u dik applikabbli hija l-Artikolu 2123(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn allura l-preskrizzjoni hija sospiza minhabba li "***l-preskrizzjoni ma timxix bejn il-genitur u t-tifel li hu taht is-setgha tal-genituri."***

"***Illi ghalhekk il-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta ma hix applikabbli f'dan il-kaz stante l-pretensjoni tal-attur ma hiex bazata fuq manteniment stabilit permezz ta' kuntratt jew b'decizjoni tal-Qorti. Ara li kieku qed jitlob arretrati ta' manteniment a bazi tal-kuntratt jew sentenza tal-Qorti l-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 kien ikun applikabbli u dan stante li tali artiklu jikkolpixxi kwalsiasi azzjoni kemm dak kolpit b'konvenzjoni u kemm fil-kaz li jkun gie hekk iffissat b'sentenza, il-preskrizzjoni skond dan l-artiklu hija applikabbli. (vide sent Prim Awla per Imh Sciberras Victoria Camilleri pro et noe vs Mahmoud Faraj Abdul sive Joseph Kareen deciza 9.12.2002)"*** [39]

Il-manteniment li qed titlob l-attrici jirrizulta minn diversi digrieti li nghataw mill-Qorti, kif diversament ippreseduta. L-attrici qatt ma pprocediet b'kawza ta' separazzjoni u minflok il-partijiet spiccaw annullaw iz-zwieg. L-artikolu 2156(b) ma jsemmi xejn fil-kaz ta' meta ma hemmx la kuntratt u lanqas sentenza

---

[39] Angiolino Pace vs Dr.Henry Antonich App. 24/11/17 154/10 AL

Il-Qorti, se tibda billi tikkwota l-Artikolu 2123(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 2156(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

*2123. Il-preskrizzjoni ma timxix -*

*(a) bejn il-ġenitur u t-tifel li hu taħt is-setgħa tal-ġenituri;*

*2156. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*

*(b) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' pensjoni għall-manteniment;*

Fis-sentenza **Ottilie Micallef pro.et.noe. vs Jason Joseph Mifsud**[40] dina l-Qorti nghatat l-opportunita' li tidhol fil-profond ta' dawn id-diversi disposizzjonjiet tal-ligi li jikkontemplaw il-preskrizzjoni f'kawzi ta' materja simili. Din il-Qorti, kif diversament ippreseduta kellha xi tghid hekk:-

***"Tajjeb li jigi puntwalizzat mill-ewwel illi din il-Qorti hi tal-opinjoni illi kemm fil-kaz fejn il-manteniment ikun gie stabbilit b'konvenzjoni u kemm fil-kaz li jkun gie hekk iffissat b'sentenza il-preskrizzjoni, una volta verifikata, ghandha tircievi akkoljiment. Difatti l-Artikolu 2156(b) ma jaghmilx distinzjoni bejn l-ipotesi l-wahda jew l-ohra. Ubi lex voluit, dixit. Jikkolpixxi kwalsiasi azzjoni, indipendentement minn fejn originat, "ghall-hlas ta' pensjoni ghall-manteniment".***

***Hawnhekk il-Qorti qalet li meta tigi eccepita l-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2156(b), din l-eccezzjoni ghandha tintlaqa' indipendentement minn fejn originat it-talba. Madanakollu din is-sentenza ma' ssemmix l-artikolu 2123(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta <u>(ghad-differenza ta'</u>***

[40]Rik. Nru. 107/2015 Deciza fl-14 ta' April, 2016 AL

***x'ghamlet l-abbli difensur tal-attrici f'din il-kawza – emfazi ta' dina l-Qorti),*** ***u ghalhekk il-Qorti ser tidhol fid-dettal dwar jekk il-preskrizzjoni effettivament imxietx bejn il-konvenut u l-attrici ghan-nom ta' bintha."***

Dina l-Qorti kompliet tirraguna hekk:-

***"Il-Qorti ser tikkwota kaz, li dahal fid-dettami ta' l-Artikolu 2123(a) u mhux fl-artikolu 2123(b), liema artikolu jghid li l-preskrizzjoni ma timxix bejn il-mizzewgin. Fis-sentenza Audrey Spiteri vs Anton Spiteri datata 28 t'April 2015, (Ref Nru: 680/2007), il-Qorti qalet hekk dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni:-***

***"Il-Qorti tqis din l-eccezzjoni bhala infondata fid-dritt. L-artikolu 2123(a) tal-Kap. 16 hu kategoriku li preskrizzjoni ma tghaddix bejn il-mizzewgin. Dan l-artikolu hu wiehed ezawrjenti u sakemm hemm zwieg il-preskrizzjoni ma tistax tigi invokata minn parti kontra l-ohra, ghax hi sospiza u dan irrispettivament jekk bejn il-mizzewgin hemmx is-separazzjoni tal-beni jew il-komunjoni tal-akkwisti u sahansitra anki fejn hemm separazzjoni ghaliex il-ligi tispecifika li l-preskrizzjoni ma tghaddix bejn il-mizzewwgin sic et sempliciter (ara f'dan is-sens Sammut vs Ciarlo, App Civ 30/05/2014)."***

***Il-Qorti rat ukoll is-sentenza ikkwotata mill-istess Qorti u cioe' Sammut vs Ciarlo, deciza fit-30 ta' Mejju 2014 (Ref nru: 600/2009), fejn l-qorti qalet li irrispettivament jekk il-partijiet humiex separati o meno, ladarba huma mizzewgin il-preskrizzjoni ma timxix kontra xulxin.***

***Huwa veru li ubi lex voluit dixit, u l-Qorti thoss, li ladarba l-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmilha cara li l-preskrizzjoni ma timxix bejn il-***

***genitur u t-tifel li huwa taht is-setgha tal-genituri, il-Qorti tara li ghandha tapplika l-Artikolu 2123(b) f'sens restrittiv, u li ghalhekk l-Artikolu 2156(b) m'ghandux japplika bejn il-genitur u l-minuri. Wara kollox din il-kawza qed issir mill-attrici ghan-nom ta' bintha li ghadha minorenni.***

***L-Artikolu 2123(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jezisti ghal raguni specifika, u dan biex il-qrati jharsu d-drittijiet kollha ta' l-ulied u tal-familja in generali, u ghalhekk, ladarba dan l-artikolu huwa daqshekk car ma jistax ma jittihiedx in konsiderazzjoni minn din il-Qorti."***

Kif accenna ben tajjeb L-Onorevoli Imhallef Dr.Philip Sciberras fis-sentenza **Victoria Camilleri pro.et.noe. vs Mahmoud Faraj Abdul deciza sive Joseph Kareen fid-9 ta' Dicembru, 2002 "*naturalment bhal fil-kazijiet kollha fejn tigi eccepita l-preskrizzjoni din tista' tigi kumbattuta b'success bil-prova ta' l-interruzzjoni taghha. "Provocata la prescrizione incombe all'attore di provare la sua interruzione; ed in difetto di tale prova, l'eccezione di prescrizione non puo` essere rigettata." (Vol. XIX P I p 5). Dan proprju ghaliex il-preskrizzjoni tohloq l-estinzjoni ta' l-obbligazzjoni. Dan unikament fuq id-dekors taz-zmien u l-inazzjoni tal-kreditur. Minbarra l-prova ta' l-interruzjoni l-attur ghandu wkoll ghad-disposizzjoni tieghu mizuri ohra effikaci bhas-sospensjoni, ir-rinunzja, jew, addirittura, li l-preskrizzjoni invokata mhix applikabbli. Ara fir-rigward id-decizjoni fl-ismijiet "Stuart G. Craig et –vs- George Mifsud et", Appell, 27 ta' Marzu 1998 u r-rakkolta tas-sentenzi fiha kompendjata;"***

Fid-dawl ta' dan ir-ragunar kollu, dina l-Qorti tasal biex tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-konvenut, peress li l-preskrizzjoni hija

sospiza ai termini tal-Artikolu 2123(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u ciononostante, l-Artikolu 2156(f) jibqa' dejjem inapplikabbli f'dan il-kaz.

Jibqa' biex jigi ddeterminat jekk u kemm manteniment huwa dovut mill-konvenut tul it-trapass taz-zmien mid-data tat-twelid tal-minuri sad-data ta' dina s-sentenza. Illum huwa minnu li bint il-partijiet hija maggorenni u m'hemmx htiega ta' manteniment aktar, izda tul il-perjodu li kienet minuri dan id-dritt jibqa'. Il-konvenut qed jinsisti li minhabba li ghandu nuqqas' ta' skola minn dejjem kien difficli ghalih sabiex isib impjieg, izda minn dejjem stinka. Madanakollu, ma kellux mezzi sufficjenti biex ihallas ghall-bzonnijiet u htigijiet ta' bintu.

Huwa minnu ukoll li maz-zmien, il-konvenut rega' zzewweg u bena f-familja ohra. Ta' min ighid ukoll li mis-sena 2014, dejjem hallas regolarment il-manteniment li kien gie ordnat ihallas skond digriet ta' dina l-Qorti fl-20 ta' Mejju, 2014 fis-somma ta' €200, anzi martu FD tikkonferma li kienu l-ewwel iwarrbu l-flus tal-manteniment, imbaghad kienu jghixu mill-flus li jkun jifdalhom. Il-konvenut qatt ma falla l-pagamenti mid-data tad-digriet imsemmi sakemm it-tifla saret maggorennni u kellha impjieg fiss.

Irrispettivament jekk il-konvenut bena familja, il-ligi, kif ukoll il-gurisrpudenza nostrana hija cara fuq dan id-dritt ta' manteniment ta' genitur lejn il-wild tieghu. Il-Qorti rriteniet u kkonfermat diversi drabi li ***"dan l-obbligu ghall-manteniment m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-missier, izda huwa obbligu assolut."***[41]

[41] Maria Bugeja pro.et.noe. vs Spiridione sive Stephen Bugeja Cit. Nru. 154/94

Illi ma hemm l-ebda raguni ghalfejn l-intimat ghandu jigi mehlus mill-obbligu tieghu li jmantni lill-minuri, liema obbligu ovvjament jitwieled mat-twelid tat-tarbija, iktar u iktar meta dan l-obbligu jirrizulta ukoll minn Artikolu 7 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan il-principju gie stabilit ukoll mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Dicembru, 1974 fis-sentenza **Filippa Grech vs Antonia Magri (Vol. XXXII.I. 468).**

Kif diga' gie ssottolinejat minn dina l-Qorti, l-attrici kienet ipprocediet diversi drabi fejn talbet il-hlas ta' manteniment peress li kellha l-kura u kustodja tal-minuri f'idejha u kkonfermat mill-Qorti u minkejja li kien hemm diversi digrieti fuq tul ta' zmien, proceduri ta' separazzjoni qatt ma nfethu. Ghandu jigi pprecizat ukoll li fil-mori tal-kawza, l-proceduri nbiddlu bejn is-snin 2001 u l-2014. Fil-perjodu 2001 sas-16 ta' Dicembru, 2003 kienet ghadha tezisti s-Sekond'Awla u maz-zmien giet introdotta s-sistema tal-medjazzjoni permezz tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20. Dawn il-perjodi jikkoncentraw fuq tlett partijiet li dina l-Qorti se tisspecifika liema huma:-

**i) Manteniment dovut mid-data tat-twelid tal-minuri u cioe' mill-21 ta' Marzu, 2000 sat-12 ta' Mejju, 2002 meta nghata d-digriet numru 414/2002.**[42]

Il-partijiet ikkonfermaw li sakemm it-tifla C kien ghad kellha sena kienu jghixu flimkien u mbaghad l-attrici kienet telqet. Gie kkonfermat mill-konvenut u minn ommu, li l-attrici kienet halliet it-tifla maghhom ghal xi zmien sakemm gie kkonfermat b'digriet datat 3 ta' Mejju, 2001 li giet fdata bil-kura u kustodja tal-minuri C. Fl-

[42] Ara rik.gur. Dok. B a fol. 5-7 tal-process

istess digriet, l-attrici kienet talbet is-Sekond'Awla biex tigi awtorizzata tipprocedi bis-separazzjoni u gew iffissati l-alimenti ghall-minuri fis-somma ta' Lm40 ghaliha u Lm40 ghall-minuri kull xahar.[43] Lanqas gimaghtejn wara u cioe' fis-17 ta' Mejju, 2001, il-konvenut ipprezenta rikors quddiem is-Sekond'Awla fejn talab li jigi rrevokat id-digriet taghha tat-3 ta' Mejju, 2001 (dig.nru. 608/2001) peress li kien gie qieghed, haga li kkonfermat l-istess Qorti fit-12 ta' Gunju, 2001(dig.nru. 831/2001), b'dana pero' li kellhom jithallsu lura l-ammonti dovuti sat-8 ta' Mejju, 2001.[44]

Effettivament, dan ifisser li l-konvenut kellu jhallas biss is-somma ta' Lm10 (ekwivalenti ghal €23.33), gialdarba l-Qorti ordnat il-hlas ta' gimgha biss mid-digriet taghha.

Fit-12 ta' Marzu, 2002, imbaghad b'digriet numru 414/2002, wara li l-konvenut rega' beda jahdem l-istess Qorti ordnat li m'ghandux ikun hemm iktar obbligu li l-konvenut ihallas manteniment lill-attrici u naqset il-manteniment dovut lit-tifla ghal Lm12 (ekwivalenti ghal €27.95) fil-gimgha. [45]

L-abbli difensur tal-konvenut jikkontendi li l-attrici naqset li tipprezenta l-kawza ta' separazzjoni fi zmien xahrejn mill-ordni tal-Qorti li awtorizzaha taghmel dan u f'kull kaz naqset li tipprezentaha fit-terminu stipulata bil-ligi wara t-12 ta' Marzu, 2002. L-attrici naqset ukoll, skond il-konvenut li tottjeni xi proroga ghall-awtorizazzjoni li nghatat biex tiftah il-kawza ta' separazzjoni.

[43] Ara digriet a fol. 63 tal-process.
[44] Ara fol. 60 tal-process.
[45] Ara rikors guir. A fol./ 5- 7 tal-process.

Ghalhekk, fl-ahjar ipotezi ghall-attrici, l-effetti kollha tad-digrieti fuq isemmija skadew mal-gheluq ta' xahrejn wara d-digriet tat-12 ta' Marzu, 2002 u cioe' fit-12 ta' Mejju, 2002.

Fiz-zmien li dawn il-proceduri ta' alimenti nhargu kienu jsiru quddiem il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja qabel ma jinfethu l-kawzi tas-separazzjoni fil-kontenzjuz u l-applikazzjoni tat-termini tad-digrieti, flimkien mal-possiblita' ta' prorogi, gie spjegat b'mod dettaljat fid-digriet moghti fl-ismijiet **Alisa Muscat vs Roderick Muscat Citaz. Nru. 2643/00 deciza fis-17 ta' Awissu, 2001**:-

"***Id-dritt li persuna titlob somma ghall-manteniment anke quddiem is-Sekond'Awla u ghalhekk qabel ma tkun miexja l-kawza tal-firda hija kkontemplata fil-proviso ta' l-Artikolu 470 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (<u>illum din id-disposizzjoni tal-ligi giet imhassra – emfazi ta' dina l-Qorti)</u>. Alimenti hekk stabbiliti jibqghu in vigore sakemm mibdula, fil-waqt illi l-proceduri jkunu pendenti sew quddiem il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja sew quddiem din il-Qorti, il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Kontenzjuza. Fir-rigward biss, f'dan l-istadju, ghat-talba ghall-alimenti quddiem il-Qorti Volontarja l-Artikolu 480 (4) ta' l-istess Kapitolu 12 jipprovdi:***

***"Id-digriet imsemmi fis-sub-artikolu (2) ta' dan l-Artikolu ma jibqax esegwibbli jekk l-azzjoni ghas-separazzjoni li ghaliha jinghata permess ma tinbediex fi zmien xahrejn mid-data tad-digriet jew f'dak iz-zmien itwal li tista' taghti l-Qorti fl-istess digriet jew f'digriet iehor wara."***

***L-ezegwibbilita' msemmija f'dan is-sub-artikolu jista' jirreferi biss ghall-hlas ta' l-alimenti u mhux ghall-parti tad-digriet fejn tkun inghatat l-awtorizzazzjoni. Digriet tas-Sekond'Awla, ghalhekk, minkejja l-mghodija tax-xahrejn jibqa' digriet validu hlief li, fir-rigward ta' l-alimenti, ma jkunx ezegwibbli bil-mod kif provdut fis-sub-artikoli l-ohra ta' l-Artikolu 480 sakemm l-istess Qorti ma ttawwalx iz-zmien tieghu fl-istess digriet jew f'digriet iehor.***

***Il-konvenut jista', anke b'certu validita', jargumenta illi l-effetti taz-zewg prorogi kienu dejjem limitati bit-terminu tas-sitt xhur imsemmi fid-digriet originali. Fil-waqt illi din l-interpretazzjoni ma hijiex xi haga frivola fil-fehma ta' din il-Qorti ma tistax tkun dik l-aktar korretta. Hlief ghall-kwistjoni ta' l-alimenti s-Sekond'Awla ma kellhiex ghalfejn tipproroga d-digriet taghha (d-digriet ghall-awtorizzazzjoni, infatti, jibqa' validu minghajr terminu sakemm jigi revokat) u di piu' fil-fehma ta' din il-Qorti anke jekk dik il-Qorti dehrilha illi, ghal xi raguni, kellha taccetta t-talba attrici u tipproroga d-digriet limitatament ghat-talba dwar l-awtorizzazzjoni u mhux ukoll ghal dik il-parti li tirrigwarda l-alimenti, dik il-Qorti dan kienet tghidu u kienet tikkwalifika l-proroga taghha f'dan is-sens.”***

Mill-provi ma jirrizultax li l-attrici talbet xi prorogi ghal dan id-digriet tat-12 ta’ Marzu, 2002 u lanqas ma nfethet il-kawza ta’ separazzjoni u ghalhekk din il-Qorti taqbel ma’ dak li qed jikkontendi u cioe’ li ghandu jhallas biss manteniment bejn it-12 ta’ Marzu, 2002 u t-12 ta’ Mejju, 2002 li jammontaw ghal €242.24. Pero’ jirrizulta li dawn l-ammonti thallsu diga’ mill-konvenut.

**ii) Bejn it-12 ta' Marzu, 2002 sa Marzu, 2005 meta t-tifla ghalqet 5 snin;**

Diga' gie ritenut li d-digriet tat-12 ta' Marzu, 2002 gie rez ineffettiv. Tul dan il-perjodu l-konvenut kien dizokkupat u nel frattemp rega' zzewweg u wiehed jifhem li kien hemm in-necessita' li jerga' jsib impjieg. Jista' jkun li kien hemm abbuz da parti tal-konvenut, pero' l-provi mressqa juru li l-attrici ukoll malli saret taf li l-konvenut kien ser jerga' jizzewweg, waqqfet tehodlu lit-tifla ghall-access bl-intendiment li ma titolbux manteniment.

Il-konvenut jammetti ukoll li kien fuq parir tal-avukat tieghu, li ma baqax ihallas manteniment peress li gie spjegat lilu li d-digriet kien skada. Huwa fatt stabbilit ghalhekk li l-konvenut ma hallasx manteniment bejn il-perjodu Gunju, 2002 u Gunju, 2014. Gialdarba diga' gie deciz li d-digriet tat-12 ta' Marzu, 2002, gie rez ineffettiv, il-konvenut fl-ebda hin naqas li jottempera ruhu mal-istess.

**iii) Mid-19 ta' Jannar, 2010 peress li skond il-konvenut dawn mhux dovuti stante preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156(f).**

Dwar dina l-pretensjoni tal-konvenut, dina l-Qorti diga' ppronunzjat ruhha fuq l-inapplikabbilita' tal-Artikolu 2156 (f) u ghaldaqstant it-tezi tieghu ma treggix. Anke r-referenza ghal kaz ta' **Josette Desira pro.et. noe. vs John Vella** mill-konvenut ma jreggix stante, li primarjament il-konvenut kien kontumaci u ghaldaqstant, ma ressaqx l-eccezzjonijiet tieghu. Inoltre, l-alimenti ma rrizultawx minn kuntratt ta' separazzjoni jew b'sentenza tal-Qorti u ghalhekk l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap.16 mhux applikabbli.

Madanakollu, l-istess ragunar dwar l-ineffettivita' tad-digriet tat-12 ta' Marzu, 2002 jibqa' jestendi ruhu ghal dan il-perjodu ukoll.

**iv) <u>Manteniment wara d-digriet tal-20 ta' Mejju, 2014</u>**

Wara li l-attrici fethet medjazzjoni, inhareg digriet minn dina l-Qorti fejn il-konvenut gie ordnat ihallas manteniment fis-somma ta' €200 fix-xahar bhala manteniment ghal binthom, oltre nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

Mir-rizultanzi processwali gie kkonfermat li l-konvenut hallas il-€200 regolarment sakemm it-tifla bdiet tahdem *full-time.* Jirrizulta pero' li l-konvenut qatt ma kkontribwixxa ghall-ispejjes edukattivi u tas-sahha tal-minuri. L-attrici stess tammetti li ma kinitx tibghatlu l-ircevuti u waslet ghall-ammont ta' €3,000 bhala sehem il-konvenut fuq perjodu bejn l-20 ta' Mejju, 2014 sat-28 ta' Marzu, 2017 ghall-ispejjes edukattivi u tas-sahha *arbitrio boni viri.*

Huwa stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li dan il-kuncett ta' '*arbitrio boni viri*' ma jezonerax lil min jippretendi l-hlas mill-obbligu tal-prova li l-kreditu pretiz minnu huwa fil-fatt dovut. Il-konvenut f'dan is-sens ikkwota mis-sentenza **Margaret Camilleri et. vs The Cargo Handling Co.Ltd. (PA 13/10/2004)** fis-sottomissjonijiet tieghu.

L-attrici tishaq li tul il-perjodu ta' tlett snin bejn l-2014 u l-2017 nefqet cirka €6,000 fuq spejjes edukattivi u tas-sahha, li jwassal ghal nefqa ta' €2000 fis-sena. Mill-provi ma rrizultax li t-tifla kienet

tattendi xi skola privata u ghalhekk l-ispejjes edukattivi ma kinux daqshekk sostanzjali. Huwa minnu li kien xi zmien fejn it-tifla forsi kienet tattendi xi lezzjonijiet privati peress li kienet qed tavvicina z-zmien li taghmel l-O'Levels, pero' aktar minn hekk, huwa indiskutibbli li seta' kien hemm xi ammonti kbar bhala nfiq fuq l-edukazzjoni. Dwar sahha lanqas ma gie ppruvat li t-tifla kienet tbati minn xi mard jew li kien hemm xi spejjes extraordinarji li kien jehtieglha u ghalhekk jiggustifikaw it-talbiet tal-attrici. Anzi l-attrici stess tghid li ma kinitx tibghat l-ircevuti ghaliex hafna drabi kienu jkunu ammonti zghar ghall-medicina li ttiehed abbitwalment.

Ghalhekk, l-ammont pretiz mill-attrici ghall-ispejjes edukattivi u tas-sahha huma eccessivi u ma jirriflettux xena realistika ta' nefqa annwali. Meta jittiehed in konsiderazzjoni li l-ispejjes generalment jikkoncentraw fuq uniformijiet, kotba, stationery, privatijiet, outings, privatijiet u anke attivitajiet extra-kurrikulari, flimkien mal-ispejjez tas-sahha, l-ammont ta' €2000 fuq medda ta' tlett snin huwa iktar realistiku.

Ghaldaqstant, il-konvenut ghandu jkun obbligat li jhallas nofs dan l-ammont li huwa ta' €1000.

**<u>DECIDE</u>**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti, filwaqt li tirrespingi l-kontro-talbiet tal-konvenut, stante li l-mertu llum huwa ezawrit peress li t-tifla llum hija maggorenni, taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' t-talbiet in parte ghar-ragunijiet fuq imsemmija u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-segwenti somom:-

a) is-somma ta' Lm10 (ekwivalenti ghal €23.33), gialdarba l-Qorti ordnat il-hlas ta' gimgha biss mid-digriet taghha u cioe' sat-8 ta' Mejju, 2001;

b) €1000 ghal nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha bejn l-20 ta' Mejju, 2014 sat-28 ta' Marzu, 2017.

**Kwantu ghall-kontro-talba tal-konvenut:**

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri, stante li bint il-partijiet illum hija maggorenni.

L-ispejjes ghandhom ikunu a karigu ta' zewg terzi ghall-attrici u terz ghall-konvenut.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**